*-provvediment dwar ammissibilita` ta' xhieda*

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 487/2017 GM**

**Odette Tonna ID427172M u zewgha Marco Tonna ID284763M**

**vs**

1. **Kummissarju tal-Artijiet**
2. **Onor. Segretarja Parlamentari għall-Ippjanar u s-Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi; u**
3. **Onor. Prim Ministru u b'digriet tat-3 t'Ottubru 2017, minflok il-kliem Kummissarju tal-Artijiet għandhom jidħlu l-kliem l-Awtorita' tal-Artijiet**

**DIGRIET BIL-MIFTUĦ**

**Mogħti llum, 15 t'Ottubru 2019**

Il-Qorti:

Rat il-provvidement tagħha mogħti waqt l-udjenza tat-25 ta' Mejju 2019 li permezz tiegħu stiednet lill-partijiet jippreżentaw noti ta'

sottomissjonijiet dwar jekk it-talba kif dedotta fir-rikors promotur tinkwadrax ruħha fil-parametri tal-Art. 469A tal-Kap 12 jew le in kwantu qed tiġi allegata diskriminazzjoni;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi d-diskriminazzjoni minnha nfisha mhix waħda mir-raġunijiet espressament indikati fl-Art. 469A għalkemm mhux eskluż li tista' tinkwadra ruħha f'waħda mir-raġunijiet li huma msemmija. Lanqas hija neċessarjament ta' indoli kostituzzjonali kif sottomess mill-konvenuti.

Illi a skans ta' iktar diverbji fuq il-produċibilita` tax-xhieda f'din il-kawża, li qiegħdha titwal għalxejn, il-Qorti tistieden lill-attriċi biex tħarrek lill-konvenuti jew min minnhom sabiex:

(1) jindikaw jekk fassalx kriterji jew proċeduri biex jintgħażlu l-benefiċjarji tal-kjosks il-ġodda

(2) jekk kien hemm tali kriterji jew proceduri, jgħidu kif dawn ġew segwiti biex intgħażlu l-istess benfiċċjarji

(3) xi kriterji uża biex l-attriċi ma ntgħażlitx biex tibbenefika minn kiosk mill-ġodda.

(4) jesebixxi d-dokumenti rileventi fir-rigward. M'hemmx għalfejn jesebixxi files sħaħ u lanqas il-kuntratti nfushom tal-kirjiet jew konċessjonijiet ġodda li setgħu saru ma' dawn il-persuni.

Dan anke jekk parti mill-informazzjoni suċċitata diġa` fil-fatt ġiet prodotta.

Il-Qorti tordna li kwalunkwe dokumenti li jistgħu jiġu esibiti kif fuq ingħad jingħalqu f'envelops li jiġu ssiġillati li jinzammu fis-sigrieta ta' din il-Qorti u jkunu disponibbli biss għall-avukati tal-partijiet fil-kawża.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA